



Dokument ta' sessjoni

A8-0406/2018

27.11.2018

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

(COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Miapetra Kumpula-Natri

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	18
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	20
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	21

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkomplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE))

(Konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0437),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 7 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0380/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0406/2018),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jiġi kkonsultat matul il-passi kollha rilevanti fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Programm. Il-Kunsill talab lill-Parlament Ewropew biex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-Programm ta'

Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025. Madankollu, peress li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja ma tapplikax skont it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-Parlament Ewropew mhuwiex meqjus li huwa fl-istess livell mal-Kunsill meta jadotta leġiżlazzjoni relatata mal-enerġija atomika. Minħabba r-rwol tal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur fir-rigward ta' kwistjonijiet baġitarji u sabiex jiġu żgurati disinn u implimentazzjoni koerenti tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Unjoni, il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ ta' Euratom jenħtieġ li jiġi adottat ukoll permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Ir-riċerka nukleari tista' tikkontribwixxi għall-benesseri soċjali, **il-prosperità** ekonomika **u s-sostenibbiltà ambjentali** billi ttejjeb is-sikurezza u s-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari. **Ir-riċerka** dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni wasslet għal titjib fit-teknoloġiji mediċi li minnhom jibbenefikaw bosta ċittadini u dik ir-riċerka issa tista' twassal għal titjib f'setturi oħra bħall-industrija, l-agrikoltura, l-ambjent u s-sigurtà. Daqstant importanti huwa l-kontribut **potenzjali** tar-riċerka nukleari għad-dekarbonizzazzjoni fuq perjodu fit-tul tas-sistema tal-enerġija b'mod sikur, effiċjenti u sigur.

Emenda

(2) Ir-riċerka nukleari tista' tikkontribwixxi għall-benesseri soċjali **u l-prosperità** ekonomika billi ttejjeb is-sikurezza u s-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari. **Ir-riċerka nukleari tagħti kontribut importanti lis-sostenibbiltà ambjentali u lill-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima billi tnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-enerġija importata, filwaqt li r-riċerka** dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni wasslet għal titjib fit-teknoloġiji mediċi li minnhom jibbenefikaw bosta ċittadini u dik ir-riċerka issa tista' twassal għal titjib f'setturi oħra bħall-industrija, l-agrikoltura, l-ambjent u s-sigurtà. Daqstant importanti huwa l-kontribut tar-riċerka nukleari għad-dekarbonizzazzjoni fuq perjodu fit-tul tas-sistema tal-enerġija b'mod sikur, effiċjenti u sigur.

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ ta' Euratom 2014-18 (COM(2017) 697 final) jipprovdi sett ta' prinċipji gwida għall-Programm. Dawn jinkludu: li tkompli tiġi appoġġata r-riċerka nukleari ffokata fuq is-sikurezza, is-salvagwardji, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-iskart, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-iżvilupp tal-fużjoni nukleari; li jkomplu jittejbu, flimkien mal-benefiċjarji, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-Programmi Konġunti Ewropej fil-qasam nukleari; li jkomplu u jissaħħu l-azzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ ta' Euratom sabiex jiġu żviluppanti l-kompetenzi rilevanti li fuqhom huma msejsa l-aspetti kollha tas-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari; li jiġu sfruttati aktar is-sinerġiji bejn il-programm Euratom u oqsma tematiċi oħrajn tal-Programm Qafas tal-Unjoni; u li jiġu sfruttati aktar is-sinerġiji bejn l-azzjonijiet diretti u indiretti tal-programm Euratom.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ ta' Euratom 2014-18 (COM(2017) 697 final) jipprovdi sett ta' prinċipji gwida għall-Programm. Dawn jinkludu: li tkompli tiġi appoġġata r-riċerka nukleari ffokata fuq is-sikurezza, ***il-prestazzjoni***, is-salvagwardji, is-sigurtà, il-ġestjoni tal-iskart ***radjuattiv***, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-iżvilupp tal-fużjoni nukleari; li jkomplu jittejbu, flimkien mal-benefiċjarji, l-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-Programmi Konġunti Ewropej fil-qasam nukleari; li jkomplu u jissaħħu l-azzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ ta' Euratom sabiex jiġu żviluppanti l-kompetenzi rilevanti li fuqhom huma msejsa l-aspetti kollha tas-sikurezza, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari ***sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' ħiliet b'mod partikolari fil-ġenerazzjoni l-ġdida tal-inġiniera***; li jiġu sfruttati aktar is-sinerġiji bejn il-programm Euratom u oqsma tematiċi oħrajn tal-Programm Qafas tal-Unjoni; u li jiġu sfruttati aktar is-sinerġiji bejn l-azzjonijiet diretti u indiretti tal-programm Euratom, ***li jgħin jiżgura l-konsistenza u l-effettività tul il-Programm Euratom.***

tal-faċilitajiet tad-disponiment ġeoloġiku futuri, il-kundizzjonament tal-iskart radjuattiv u l-imġiba fit-tul tal-fjuwil użat ġewwa landfill.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Il-kunċett u d-disinn tal-Programm huwa determinat skont il-ħtieġa li tiġi stabbilita massa kritika tal-attivitajiet appoġġati. Dan jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' għadd limitat ta' għanijiet speċifiċi ffokati fuq l-użu sikur tal-fissjoni nukleari għall-applikazzjonijiet tal-potenza elettrika u mhux tal-potenza elettrika, iż-żamma u l-iżvilupp tal-ġharfien espert neċessarju, it-trawwim tal-enerġija mill-fużjoni u appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari

Emenda

(5) Il-kunċett u d-disinn tal-Programm huwa determinat skont il-ħtieġa li tiġi stabbilita massa kritika tal-attivitajiet appoġġati. Dan jinkiseb permezz tal-istabbiliment ta' għadd limitat ta' għanijiet speċifiċi ffokati fuq l-użu sikur tal-fissjoni nukleari għall-applikazzjonijiet tal-potenza elettrika u mhux tal-potenza elettrika, iż-żamma u l-iżvilupp tal-ġharfien espert neċessarju, it-trawwim tal-enerġija mill-fużjoni u appoġġ għall-politika tal-Unjoni dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, ***inkluż l-iżvilupp ta' għarfien dwar dekommissjonar sikur, effettiv u kosteffiċjenti tal-installazzjonijiet li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja tagħhom, qasam li fih id-dispożizzjonijiet u l-investiment għadhom lura;***

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Il-Programm huwa parti kruċjali mill-isforzi tal-Unjoni biex iżżomm u ttejjeb it-tmexxija xjentifika u industrijali fil-qasam tat-teknoloġiji tal-enerġija. Sabiex jiġi appoġġat l-operat sigur tal-enerġija eżistenti ta' fissjoni u tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija, ir-riċerka fil-fissjoni

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5b) L-użu sikur u sigur tal-enerġija nukleari u ta' applikazzjonijiet mhux ta' potenza elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inklużi s-sikurezza nukleari u d-dekummissjonar, jenħtieġ li jiġi appoġġat permezz ta' spezzjonijiet transkonfinali strutturali u l-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar Prattiki relatati mas-sikurezza tas-sistemi tar-reatturi u ċ-ċikli tal-fjuwil li jintużaw attwalment, speċjalment fil-każ ta' faċilitajiet nukleari li jinsabu fil-viċinanza ta' fruntiera waħda jew aktar bejn Stati Membri.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Billi jappoġġa r-riċerka nukleari, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ("Orizzont Ewropa") stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u jenħtieġ li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2030 u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

(7) Billi jappoġġa r-riċerka nukleari, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ("Orizzont Ewropa") stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, ***b'mod partikolari billi jippromwovi l-eċċellenza u x-xjenza miftuħa***, u jenħtieġ li jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2030 u t-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi l-FP9 tal-UE - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 (ĠU [...]).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] li jistabbilixxi l-FP9 tal-UE - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 (ĠU [...]).

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Il-Programm jenħtieġ li jfittex sinerġiji ma' Orizzont Ewropa u programmi oħrajn tal-Unjoni, mid-disinn u l-ippjanar strateġiku tagħhom, għall-għażla, il-ġestjoni, il-komunikazzjoni, id-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati tal-proġett, għall-monitoraġġ, l-awditjar u l-governanza. Bil-ħsieb li jiġu evitati t-trikkib u d-duplikazzjoni u jiżdied l-ingranaġġ tal-finanzjament tal-UE, jistgħu jseħħu trasferimenti minn programmi oħrajn tal-Unjoni għall-attivitajiet ta' Orizzont Ewropa. F'tali każijiet dawn isegwu r-regoli ta' Orizzont Ewropa.

Emenda

(8) Il-Programm jenħtieġ li jfittex sinerġiji ***u allinjament aktar mill-qrib*** ma' Orizzont Ewropa u programmi oħrajn tal-Unjoni, mid-disinn u l-ippjanar strateġiku tagħhom, għall-għażla, il-ġestjoni, il-komunikazzjoni, id-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati tal-proġett, għall-monitoraġġ, l-awditjar u l-governanza. ***Huwa essenzjali li l-prinċipji ewlenin ta' eċċellenza u ta' xjenza miftuħa jinżammu fil-programmi kollha.*** Bil-ħsieb li jiġu evitati t-trikkib u d-duplikazzjoni u jiżdied l-ingranaġġ tal-finanzjament tal-UE, jistgħu jseħħu trasferimenti minn programmi oħrajn tal-Unjoni għall-attivitajiet ta' Orizzont Ewropa. F'tali każijiet dawn isegwu r-regoli ta' Orizzont Ewropa.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Il-JRC jipprovdi appoġġ għall-istandardizzazzjoni, aċċess miftuħ għax-xjenzjati tal-Unjoni għal faċilitajiet nukleari individwali u attivitajiet ta' taħriġ f'oqsma bħall-garanziji nukleari, il-forensika jew id-dekummissjonar.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) li **potenzjalment** jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija b'mod sikur, effiċjenti u sigur.

Emenda

(b) li jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija b'mod sikur, effiċjenti u sigur.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jtejjeb l-użu sikur **u** sigur tal-enerġija nukleari u tal-applikazzjonijiet mhux ta' potenza elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà, is-salvagwardji, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni u d-dekummissjonar tal-fjuwil użat u l-iskart radjuattiv sikuri, nukleari;

Emenda

(a) li jtejjeb l-użu sikur, sigur **u effiċjenti** tal-enerġija nukleari u l-applikazzjonijiet mhux ta' potenza elettrika tar-radjazzjoni jonizzanti, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà, is-salvagwardji, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni u d-dekummissjonar tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv sikuri, nukleari;

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) li jappoġġa l-politika tal-Komunità dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.

Emenda

(d) li jappoġġa l-politika tal-Komunità dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, **inkluż l-iżvilupp ta' għarfien dwar dekummissjonar sikur, effettiv u kosteffiċjenti tal-installazzjonijiet li jkunu waslu fi tmiem il-ħajja tagħhom.**

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jkun ta' EUR 1 675 000 000 fil-prezzijiet attwali.

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jkun ta' **EUR 1 516 000 000 fil-prezzijiet tal-2018** (EUR 1 675 000 000 fil-prezzijiet attwali).

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Id-distribuzzjoni **indikattiva** tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

Id-distribuzzjoni tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) **EUR 724 563 000** għar-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni;

(a) **43 %** għar-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni;

Emenda 17

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) **EUR 330 930 000** għall-fissjoni, sikurezza u protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari;

(b) **25 %** għall-fissjoni, sikurezza u protezzjoni mir-radjazzjoni nukleari;

Emenda 18

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **EUR 619 507 000** għall-azzjonijiet diretti mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

Emenda

(c) **32 %** għall-azzjonijiet diretti mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni **ma tistax** tiddevja, fil-proċedura tal-baġit annwali, **mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 2(c)** ta' dan l-Artikolu.

Emenda

Il-Kummissjoni **tista'** tiddevja, fil-proċedura tal-baġit annwali, **mill-ammonti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2** ta' dan l-Artikolu **b'massimu ta' 10 %**.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – inċiż 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **rispett għall-prinċipji tal-Istat tad-dritt;**

Emenda 21

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Programm għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà **tal-finanzjament tal-Komunità** (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż il-midja u l-

(1) Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Programm għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u **jindikaw l-oriġini tal-finanzjament tal-Unjoni sabiex** jiżguraw il-viżibbiltà **tiegħu** (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi,

pubbliku.

inkluż il-midja u l-pubbliku.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-Kummissjoni għandha timplimenta attivitajiet dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokatati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Komunità, sa fejn dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda

(2) Il-Kummissjoni għandha timplimenta attivitajiet dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu ***maħsuba kemm għal riċevituri speċjalisti kif ukoll għall-pubbliku***. Ir-riżorsi finanzjarji allokatati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet ta' politika tal-Komunità, sa fejn dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu ***fil-ħin*** sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm, is-suċċessur tiegħu u inizjattivi oħrajn rilevanti għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Emenda

1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu ***kull sentejn*** sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-programm, is-suċċessur tiegħu u inizjattivi oħrajn rilevanti għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***L-evalwazzjoni interim*** tal-

Emenda

2. ***L-ewwel evalwazzjoni*** tal-

Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn *tliet snin* wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm. Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fit-tul tal-Programmi Euratom preċedenti u għandha tiffirma l-bażi għall-aġġustament tal-implimentazzjoni tal-programm, kif xieraq.

Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn *sentejn* wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm. Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fit-tul tal-Programmi Euratom preċedenti u għandha tiffirma l-bażi għall-aġġustament *tal-estensjonijiet u* tal-implimentazzjoni tal-programm, kif xieraq.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fi tmiem tal-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn *erba' snin* wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni. Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fit-tul tal-Programmi preċedenti.

Emenda

3. Fi tmiem tal-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn *sentejn* wara t-tmiem tal-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, għandha titwettaq evalwazzjoni finali tal-Programm mill-Kummissjoni. Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fit-tul tal-Programmi preċedenti.

Emenda 26

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Sabiex jikseb l-għanijiet speċifiċi, il-Programm se jappoġġa attivitajiet trażversali li jiżguraw sinerġija tal-isforzi tar-riċerka fir-risolviment ta' sfidi komuni. Ir-rabtiet u l-interfaċċi xierqa, bħas-sejħiet konġunti, se jkunu żgurati ma' Orizzont Ewropa. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ finanzjarju fornut mill-Fondi skont ir-Regolament [Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni] sa fejn

Emenda

Sabiex jikseb l-għanijiet speċifiċi, il-Programm se jappoġġa attivitajiet trażversali li jiżguraw sinerġija tal-isforzi tar-riċerka fir-risolviment ta' sfidi komuni. Ir-rabtiet u l-interfaċċi xierqa, bħas-sejħiet konġunti, se jkunu żgurati ma' Orizzont Ewropa. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni relatati jistgħu jibbenefikaw ukoll minn appoġġ finanzjarju fornut mill-Fondi skont ir-Regolament [Regolament tad-Dispożizzjonijiet Komuni] *jew*

ikunu konformi mal-għanijiet u r-regolamenti ta' *dawn* il-Fondi.

programmi oħra u strumenti finanzjarji tal-Unjoni, sa fejn *dawn* ikunu konformi mal-għanijiet u r-regolamenti ta' *dawk* il-Fondi, *programmi u strumenti*.

Emenda 27

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Il-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-prijoritajiet ta' politika tagħha, inputs minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u partijiet ikkonċernati tar-riċerka nukleari f'korpi jew oqfsa bħall-pjattaformi, l-assoċjazzjonijiet, l-inizjattivi u l-forums tekniċi Ewropej tat-teknoloġija għas-sistemi u s-sikurezza nukleari, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-fjuwil nukleari użat u l-protezzjoni mir-radjazzjoni/riskju ta' doża baxxa, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, ir-riċerka fil-fużjoni, jew kwalunkwe organizzazzjoni jew forum rilevanti ta' partijiet ikkonċernati **nukleari**.

Emenda

Il-prijoritajiet tal-programmi ta' ħidma għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-prijoritajiet ta' politika tagħha, inputs minn awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u partijiet ikkonċernati tar-riċerka nukleari f'korpi jew oqfsa bħall-pjattaformi, l-assoċjazzjonijiet, l-inizjattivi u l-forums tekniċi Ewropej tat-teknoloġija għas-sistemi u s-sikurezza nukleari **preżenti u futuri**, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-fjuwil nukleari użat u l-protezzjoni mir-radjazzjoni/riskju ta' doża baxxa, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, ir-riċerka fil-fużjoni, jew kwalunkwe organizzazzjoni jew forum rilevanti ta' partijiet ikkonċernati **rilevanti**.

Emenda 28

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 5 – punt a – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Sikurezza nukleari: sikurezza tas-sistemi nukleari u ċ-ċikli tal-fjuwil, fl-użu fil-Komunità jew, sa fejn huwa neċessarju sabiex jinżamm għarfien espert nukleari mifrux fil-Komunità, dawk it-tipi ta' reatturi u ċikli tal-fjuwil, li jistgħu jintużaw fil-futur, li jiffokaw esklussivament fuq l-aspetti tas-sikurezza, inkluż l-aspetti kollha taċ-ċiklu tal-fjuwil bħas-separazzjoni u t-

Emenda

(1) Sikurezza nukleari: sikurezza tas-sistemi nukleari u ċ-ċikli tal-fjuwil, fl-użu fil-Komunità jew, sa fejn huwa neċessarju sabiex jinżamm **u jiġi żvilupp**at għarfien espert nukleari mifrux fil-Komunità, dawk it-tipi ta' reatturi u ċikli tal-fjuwil, li jistgħu jintużaw fil-futur, li jiffokaw esklussivament fuq l-aspetti tas-sikurezza, inkluż l-aspetti kollha taċ-ċiklu tal-fjuwil

trażmutazzjoni.

bħas-separazzjoni u t-trażmutazzjoni;
appoġġ għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki relatati mas-sikurezza tas-sistemi tar-reatturi u ċ-ċikli tal-fjuwil li qed jintużaw bħalissa, speċjalment fil-każ ta' faċilitajiet nukleari li jinsabu fil-viċinanza ta' fruntiera waħda jew aktar bejn Stati Membri.

Emenda 29

Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 5 – punt a – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Dekummissjonar: riċerka għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni tat-teknoloġiji għad-dekummissjonar u r-rimedju ambjentali tal-faċilitajiet nukleari; appoġġ għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tal-għarfien dwar id-dekummissjonar.

Emenda

(3) Dekummissjonar: riċerka għall-iżvilupp u l-evalwazzjoni tat-teknoloġiji għad-dekummissjonar u r-rimedju ambjentali tal-faċilitajiet nukleari; appoġġ għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tal-għarfien dwar id-dekummissjonar, ***inkluż il-kondiviżjoni tal-għarfien fil-każ ta' faċilitajiet nukleari li jinsabu qrib fruntiera waħda jew aktar bejn l-Istati Membri u permezz tal-ġbir komuni ta' riżorsi u persunal f'ċentri ta' eċċellenza.***

Emenda 30

Proposta għal regolament Anness II – sottotitolu 4 – tabella

Test propost mill-Kummissjoni

Indikaturi tal-innovazzjoni tal-mogħdiji ta' impatt

Progress tal-UE lejn 3 % ta' PDG dovut għall-programm Euratom

Emenda

Indikaturi tal-innovazzjoni tal-mogħdiji ta' impatt

Progress tal-UE lejn ***mira ta' nfiq għal riċerka u żvilupp (R&Ż) ta' 3 %*** ta' PDG dovut għall-programm Euratom

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Rapporteur tiegħek tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-programm ta' riċerka u taħriġ ta' EURATOM għas-snin 2021-2025. Il-proposta tkompli fit-triq stabbilita ta' programmi preċedenti iżda tindirizza wħud mill-preokkupazzjonijiet ewlenin espressi mill-Parlament Ewropew fil-passat, jiġifieri s-simplifikazzjoni tal-programm u allinjament aħjar mal-programm ta' riċerka usa' ta' Orizzont Ewropa.

Ir-Rapporteur tiegħek hija tal-opinjoni li l-iżvilupp kontinwu tas-sikurezza fl-operazzjonijiet nukleari huwa ta' importanza ewlenija biex jitgawdex il-benefiċċji tat-teknoloġija filwaqt li jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji assoċjati. Il-flotta li qed tiqdiem ta' faċilitajiet nukleari tal-UE se tirrikjedi mhux biss aktar riċerka dwar id-dekummissjonar, iżda modi ġodda, aktar sikuri u aktar effiċjenti ta' kif joperaw u jiġu mantnuti r-reatturi eżistenti.

Sabiex tissodisfa l-miri tal-klima tal-Ftehim ta' Pariġi, l-UE teħtieġ li tuża t-teknoloġiji u l-innovazzjonijiet kollha li huma sikuri u sostenibbli. L-enerġija nukleari, bħala forma ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju, hija parti importanti mit-taħlita enerġetika f'xi Stati Membri u għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE kollha kemm hi. Madankollu, l-operat sigur tal-mudelli tar-reatturi eżistenti u t-tnejja għal teknoloġiji ġodda huma kruċjali.

L-Ewropa hija mexxejja globali fir-riċerka, is-sikurezza u l-kwistjonijiet ta' sigurtà nukleari li għandhom x'jaqsmu ma' materjali nukleari u ma' skart nukleari. Għandna nkomplu ninvestu fir-riċerka l-aktar avvanzata f'dawn is-suġġetti sabiex jinżammu l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa għall-operat sikur u sigur tal-enerġija nukleari. Barra minn hekk, huma meħtieġa investimenti fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' fużjoni u kkompletar b'impenn tal-pjan direzzjonali tal-Fużjoni. L-akbar sehem ta' fondi skont dan il-programm għandu jkompli jiġi użat għar-riċerka dwar il-fużjoni.

Peress li jaqa' taħt it-trattat tal-Euratom, il-programm jibqa' separat mill-programmi ta' qafas ġenerali tal-UE għax-xjenza u r-riċerka. Ir-Rapporteur tiegħek tħoss li din id-distinzjoni hija kompletament arbitrarja u li jistgħu jinkisbu aktar sinerġiji u xjenza aħjar permezz tal-integrazzjoni taż-żewġ programmi. Importanti b'mod speċjali jkun li jiġu estiżi l-iskrutinju tal-Parlament Ewropew u s-setgħat leġislattivi għall-programm ta' riċerka u taħriġ ta' Euratom, kif jixraq għar-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur dwar kwistjonijiet baġitarji.

Madankollu, din il-proposta tmur fid-direzzjoni t-tajba ta' allinjament *de facto* tal-programm mar-regoli u r-regolamenti ta' Orizzont Ewropa. Flimkien mal-allinjament tekniku, huwa kruċjali wkoll li l-istess prinċipji ta' eċċellenza u tax-xjenza miftuħa jinżammu f'dawn iż-żewġ programmi.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-istabbiliment tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkomplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni
Referenzi	COM(2018)0437 – C8-0380/2018 – 2018/0226(NLE)
Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni	16.7.2018
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 10.9.2018
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 10.9.2018
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċizzjoni	BUDG 28.6.2018
Rapporteurs Data tal-ħatra	Miapetra Kumpula-Natri 13.6.2018
Eżami fil-kumitat	9.10.2018
Data tal-adozzjoni	21.11.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 43 –: 12 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Xabier Benito Ziluaga, David Borrelli, Jonathan Bullock, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Edward Czesak, Jakop Dalunde, Christian Ehler, Fredrick Federley, Ashley Fox, Adam Gierek, Igor Gräzin, Theresa Griffin, András Gyürk, Rebecca Harms, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Jaromír Kohlíček, Peter Kouroumbashev, Zdzisław Krasnodębski, Miapetra Kumpula-Natri, Christelle Lechevalier, Janusz Lewandowski, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Tilly Metz, Angelika Mlinar, Csaba Molnár, Nadine Morano, Dan Nica, Angelika Niebler, Morten Helveg Petersen, Miroslav Poche, Carolina Punset, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Neoklis Sylikiotis, Dario Tamburrano, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Vladimír Urutchev, Kathleen Van Brempt, Henna Virkkunen, Lieve Wierinck, Hermann Winkler, Anna Záborská, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Amjad Bashir, Soledad Cabezón Ruiz, Françoise Grossetête, Olle Ludvigsson, Marian-Jean Marinescu, Clare Moody, Dennis Radtke, Davor Škrlec
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Detjen, John Procter, Bronis Ropé
Data tat-tressiq	27.11.2018

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

43	+
ALDE	Fredrick Federley, Morten Helveg Petersen, Lieve Wierinck
ECR	Edward Czesak, Zdzisław Krasnodębski, Evžen Tošenovský
ENF	Christelle Lechevalier
GUE/NGL	Jaromír Kohlíček
PPE	Bendt Bendtsen, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Christian Ehler, Françoise Grossetête, András Gyürk, Krišjānis Kariņš, Janusz Lewandowski, Marian-Jean Marinescu, Nadine Morano, Angelika Niebler, Dennis Radtke, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Vladimir Urutchev, Henna Virkkunen, Hermann Winkler, Anna Záborská
S&D	Zigmantas Balčytis, Soledad Cabezón Ruiz, Michael Detjen, Adam Gierek, Theresa Griffin, Peter Kouroumbashev, Miapetra Kumpula-Natri, Olle Ludvigsson, Edouard Martin, Csaba Molnár, Clare Moody, Dan Nica, Miroslav Poche, Patrizia Toia, Kathleen Van Brempt, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho

12	-
EFDD	Jonathan Bullock, Dario Tamburrano
ENF	Barbara Kappel
GUE/NGL	Xabier Benito Ziluaga, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis
NI	David Borrelli
VERTS/ALE	Jakop Dalunde, Rebecca Harms, Tilly Metz, Bronis Ropė, Davor Škrlec

7	0
ALDE	Igor Gräzin, Angelika Mlinar, Carolina Punset
ECR	Amjad Bashir, Ashley Fox, John Procter
PPE	Paul Rübige

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni